# POEŻIJI

ta' G. A. Vassallo
(miġjubin minn G. Cassar Pullicino)
*(jorbot ma' "Leħen il-Malti" għadd 245-250)*

Sema u art, u xemx u qamar,
Ma narax fejn int m'intix;
Miegħek biss, O Lwiġi tiegħi,
Jiena nħoss li qiegħda ngħix.

**L-GĦARUS**

Biex infisser kemm inħobbok
La nsib ħila, la nsib kliem;
Inti tafu dan imn'issa,
Taraħ iżjed 'l quddiem.

**L-GĦARUSA**

Jien inqis l-imħabba tiegħek
Milli f'sidri nħoss għalik;
Int urejtni qalbek kollha
Kull ma fija jien natik.

**L-GĦARUS**

Lè, l-imħabba ħadd ma jfisser,
La tinkesa, la tingħadd;
Il-għorrief iħabblu moħħom,
Kemm hi kbira ma jaf ħadd!

**L-GĦARUSA**

Nafu jien, iżda li nfisser
Tassew ħila ma narax;
Aktar milli nħobbok jiena,
Qalb il-bniedem ma tistax.

**L-GĦARUS**

Għala wħud jidgħu l-Imħabba
Jekk di lili tat il-ħajja?
Bdejt ingħix mindu ħabbejtek,
Xejn ma ngħoddu ż-żmien ta' wrajja.

**L-GĦARUSA**

Kiefra jseijaħ lill-Imħabba
Dak li jħobb u mhux maħbub,
Iżda l'aħna t-tnej' ninħabbu
Ġewwa s-sema kien miktub.

L-GĦARUS

Sewwa għedt inti, Adelajde,
Kien is-sema li laqqagħna;
Kullma jibda s-sema jifni,
U sa l-aħħar jibqa' magħna.

L-GĦARUSA

Fih it-tama tal-qalb tiegħi,
Fih ukoll qiegħed il tiegħek,
U sal-aħħar ħin tal-ħajja
Tibqa' miegħi, u nibqa' miegħek.

L-GĦARUS

Iva, nitma li sal-aħħar
Magħna s-sema jkun ħanin!

L-GĦARUSA

U sa ġewwa d-dinja l-oħra
Nerġgħu ngħannqu lil xulxin!

## MAWRA SA RNELLA

Ejja mmorru sa ġo Rnella,
O ħbieb tiegħi, bla ma ndumu;
Għaliex f'dan id-dawl ta' qamar
Ix-xbejbiet imorru jgħumu.

Xi vjolin, flawt u kitarra
Biex indoqqu nieħdu magħna:
Taraw intom illi ħienja
Ix-xbejbiet toqgħod tismagħna.

Għandi d-dgħajsa x-Xatt mikrija,
Nistennikom sejjer jien;
Fittxu ġibu li għedtilkom
U titilfu l-ebda żmien.

## FUQ ID-DGĦAJSA

Sa ma naslu ġewwa Rnella
Jien inqabbel xi kelmtejn;
Bid-daqq intom morru miegħi
Iżda kliem titkellmu xejn.

Meta naslu għal fejn aħna—
Għandna, ħbieb, ingħannu lkoll;
U kulħadd f'xi għanja ħelwa
Lill-maħbuba lsienu jħoll.

## RNELLA

Aħna wsalna, u Alla jbierek
Lanqas haw' daqsxejn ta' tranja;
Żejt il-baħar! Taqdfux iżjed,
U kulħadd igħanni għanja.

Tkun il-għanja dejjem xierqa,
Tkun li togħġob lix-xebbiet;
Tkun li jistgħu jisimgħuha
Saħans tra s-sorijiet.

1

Ġo -dal-ilma bosta drabi
In-nies lemħu lis-sirena;
Jekk int qiegħda fih, Emilja,
Donni lilha nara jiena.

Għaliex ġmiel int għandek daqsha
Għandek leħen aktar minnha:
Jekk għall-għana tiftaħ fommok,
Lilna lkoll int iġġenninna.

2

O Klorinda, jekk ġo Rnella
Qiegħda tneħħi ftit tal-għomma;
Din ix-xtajta bl-egħżeż ħaġa
Għomri kollu jien inżommha!

Kull fejn int bi ġmielek tersaq,
Jien narah isir sabiħ;
Jekk f'dal-ilma tinsab inti
Oh! dalwaqt nixteħet fih!

3

Minn xħin jisbaħ sa ma jidlam
Jiena ħsiebi, Eliża, fik;
Jekk in-ngħas jidħol f'għajnejja
Noħlom ħolma, u tkun bik.

Jekk f'Irnella qed tixxala,
Ara ftit 'k inħobbokx sewwa,
Kif bin-nhar, bil-lejl, infittxek,
U għalhekk usalt haw' ġewwa.

4

Kiefra mħabba, għax tħabbatni
U ma tisma' l-wegħdiet tiegħi?
Għaliex ksirtni ma' Luċija
Li ma tridx kliem iżjed miegħi?

Jekk f'dal-ilma inti tithenna,
Kif ġo moħħi qed tidhirli,
Iżjed safja minn dal-ilma
Għandi qalbi, u int aħfirli!

5

Max-xbejbiet jien rajtek nieżla
Lejn ix-Xatt bin-nofs għonnella;
Ma jistax ikun, Żeżina,
Li m'intix hawn ġewwa Rnella.

6

Thenna, thenna ġewwa l-baħar!
Nifraħ jien, narak ferħana:
Tiġi lejla bħal m'hi dina
Li flimkien kulħadd jarana.

## TIFHIR
## LILL-PRIMADONNA PEPPA SEDELMAJER

Ejjew, ħbieb, imxu lkoll miegħi
B'ex nifirħu lil Peppina:
Jeħtieġ lilha nuru qlubna,
Kullma tagħmel hu għalina.

Iva jmissha lill-għannejja,
Ghaliex thenni lil kulħadd:
Meta tiftaħ fommha l-ħlejju
Minnha lè ma tixba' qatt.

U kif tista' ma titgħaxxaq
Meta tisma' l-għana tagħha,
Jekk kif trid tagħġinlek qalbek,
Tidħak, tibki ġġagħlek magħha?...

Iżda l-qawwa ta' sengħetha
Fil-*Luċija* lilna wriet;
Leħen, ħlewwa, ġmiel u żina
Kollox fiha donnu 'żdied.

Jekk xi xbejba ghandek f'qalbek
Li l-imħabba żżomm moħbija
Tisma' jkollok lil Peppina
Meta xxebbaħ il Luċija.

Lejha tħares, f'wiċċha tara
Kullma tħoss il-qalb miksura,
Xħin bl-imħabba tkun mimlija
U bil-biża' tkun magħsura.

Kif tħoss qalbek trid tinqasam!
Kif l-imħabba hi turik!
Tibki ġġagħlek, iżda l-biki
Ħelu jinżel u jħennik.

Jekk għajnejha lejn is-sema
Tarfa', u tinżel għarkobbtejha
Int jidhirlek li mis-sema
Xi ħadd sejjer jinżel ħdejha.

Kemm bil-wiċċ u kemm bil-għana
Donnha nħalqet biex tħennina.
Ħalli jmaqdar min imaqdar,
Ħadd ma jikser lil Peppina.

Ja għannejja tal-imħabba,
Hu t-tifħir minn ta' kulħadd;
Jekk iddum mitt sena magħna
Minnek lè ma nixbgħu qatt.

## LUĊIJA

San Ġirgor, jien fik niftakar,
F'jumek rajt xinhi s-sbuħija;
Dik inhar, xejn ma nitqarraq,
Dik inhar rajtek, Luċija.

Hekk kif rajtek, oh, emminni!
Wara ġmielek issaħħart:
Isbaħ minnek, o Luċija,
Isbaħ minnek ma rajtx fl-art!

Jiena tajtek ħarsa ħelwa,
Int ħarist lejja u sirt ħamra;
Ħbiebi ntebħu, u qalu lili:
"Oh, sabiħa, għad li hi samra".

"Oh xi ġmiel ta' għajnejn għandha,
Kif jisirqu n-nies mit-toroq!
Isbaħ wisq il-għajnej' suwed,
Għad li n-nies tfaħħar iż-żoroq".

Ieħor qal: "O x'wiċċ imdawwar,
U x'lewn għandha ta' tuffieħa!
F'kemm sbieħ rajna din il-għodwa
Fosthom di' l-aktar sabiħa."

Saqsew lili x'ingħid minnek,
Fuqi waqgħet bħal mistħija;
U minn da' ħbiebi raw tajjeb
Kullma jien ħassejt ġo fija.

Ridt nitkellem, tlift il-kelma,
Ridt inwieġeb, u ma stajtx;
Fl-aħħar għedt li f'ħajti kollha
Isbaħ minnek jien ma rajtx.

Nofs inhar kien qorob w aħna
Morna nieklu ġewwa ġnien;
Fost id-daqq, iż-żfin, il-hena
Waħdi rajtu twil iż-żmien.

Qagħad ma sibtx, minn hemm ridt noħroġ
Biex mar-raħal nerġa' nsibek;
Lill-Qaddis jien għamilt wegħda
'K taħt għajnejja nerġa' nġibek.

Għal sagħtejn, u tlieta, u erbgħa,
Jien fittixtek, o ħanina,
Fl-aħħar sibtek, qalbi żeġġet,
U bdiet tħabbat il-miskina.

Tajtek ħarsa, u bħal nofs daħka
Int urejt li trid tidħakli;
Dan biżżejjed kien, Luċija,
Biex urajk jien nitlef għaqli.

Ix-xemx bdgħet titlef dawlha,
Id-dlam waqa' kullimkien;
Int inġbart f'kaless ma' niesek,
U ma rajtek iżjed jien.

Fejn immur biex narġa nsibha?......
Min jaf darha fejn trid tkun?......
Min igħidli darba fejnha?......
Bdejt ingħid bħala miġnun.

F'kemm żmien bqajt ma nara lilek
Qalbi dejjem imbikkija;
Kont bid-dmugħ ingħanni għanja,
U di' kienet, o Luċija:

"O misħuta l-kewkba tiegħi
Għaliex dejjem hi għakksitni!
Meta kelli biss għal darba
Nara xbejba li ġennitni?

"O miskin jien!
Qalb, għaqal, saħħa,
Kif tlifthom magħha!

Fik nitma, żmien!
Li kont nilqagħha,
Jien inkun tagħha!

"Int, o mħabba, kemm int kiefra!
Għax tatini da' l-uġiegħ?......
Sa kemm int tiksirli l qalbi,
Jien għal xejn għajnuna nsieħ.

"O mħabba, mħabba,
Igħidu sewwa
Li ma fik ħlewwa.

Il-qlub ixxabba':
Għalik bla dnewwa
Insiru għedewwa".

"Kollox ikreh nara jiena,
Fid-dawl qiegħed nara s-swied;
Xemx u qamar ħaġa waħda,
Donnha l-mewt għalija ġiet.

"O xemx, o qamar,
Kwiekeb mitfija
Intom għalija!

Jekk Alla jamar
Nara 'l Luċija,
Insib id-dija!"

Minni ħniena kellu s-sema,
Fl-aħħar kliemi kien mismugħ:
Ġie San Ġorġ, hemm jiena rajtek......
Kif ħassejtni ħadt ir-ruħ!

Wiċċek raġa' tani l-ħajja,
Minn ġo qalbi l-uġigħ mar;
Jien tħennejt, u bħalli kieku
Qatt ma kont naf x'inhu mrar.

Kif jien rajtek, ġejt għal fejnek,
Int urejt ruħek ferħana;
Tlabtek idek, int tajthieli,
Ħlief is-sema ħadd ma rana.

Tlabtek tgħidli wkoll fejn toqgħod:
Inti għedtli fejn hi darek;
Jien kull triq ħaffirt biex nara,
Nistax kieku n'ġi ġarek.

X'ma tagħmilx l-imħabba? Jiena
Fl-aħħar sibt dar ħada tiegħek,
Xħin irrid jien lilek nara,
Xħin irrid nitħaddet miegħek.

Kemm inħobbok, u kemm tħobbni
Jista' jkun jafu kulħadd;
Dan in-nar li f'qalbna trabba
Fina mitfi ma jkun qatt!

*(Jadal)*